Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 41 / 2019

Il-Pulizja

Spettur Victor Aquilina

Vs

Giuseppi Desira

Illum 27 ta' Ottubru, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Giuseppi Desira, detentur tal-karta tal-Identita Maltija bin-numru 391152M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fit-13 ta' Lulju, 2013 u fil-granet ta' qabel gewwa z-Zona ta' Habel Pietru L/O Ghaxaq:

1. Bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretenti li ghandu, gieghel, bl-awtorita tieghu nnifsu, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu, jew thott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jiehu l-ilma ghalih, jew b' xi mod iehor, kontra l-Ligi, ndahal fi hwejjeg haddiehor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar tal-24 ta' Jannar, 2019, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 85 tal-Kodici

Kriminali l-Qorti sabet lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ikkundannatu multa ta' hames mitt Ewro (€500).

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali il-Qorti ikkundannat lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub mir-Registratur tal-Qorti ihallas lill-istess Registratur tal-Qorti s-somma ta' disa' mija, tlieta u tlettin ewro u tlieta u sebghin –il centezmu (€933.73[1]) liema ammont jirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' espert f' dan il-kaz.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti Giuseppi Desira, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-11 ta' Frar, 2019, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi THASSAR U TIRREVOKA s-sentenza appellata, TIDDIKJARA li hija nulla, u b'hekk TORDNA illi l-atti kollha ghandhom jerghu jigu rimessi quddiem il-Qorti tal-Magistrati ghas-smiegh mill-gdid taghhom, u dan sabiex l-appellant ma jigix mcahhad mill-beneficcju tad-doppio esame; fin-nuqqas li tilqa dan l-aggravju, l-appellant jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha THASSAR U TIRREVOKA s-sentenza appellata fuq il-mertu, u dan billi filwaqt li TIDDIKJARA lil appellant mhux hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu, tilliberah minnha. Ssusidjarjament, tvarja l-piena inflitta,, u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta. Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

A. L-Ewwel Aggravju-Nullita tas-Sentenza Appellata

L-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jiddisponi illi: *"Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat."*

Illi bir-rispett kollu, l-Ewwel Qorti certament illi ma rrispettatx il-vot tal-ligi u dan meta ma spjegatx il-fatti li taghhom l-imputat instab hati meta testwalment qalet biss u semplicment hekk: *'Illi mir-rapport tal-espert tekniku jirrizulta illi l-imputat fixkel l-*

[1] Rapport tal-Perit Mario Cassar €933.75

*access ghal propjeta tal-Parti Civili liema access kellu jkun wiesgha madwar 6.2 metri, ghal access ferm aktar ridott ta' circa 1.8metru kif indict fir-ritratti mehmuza'.*

Skond gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna, in-nuqqas li jigi rispettat strettament l-artikolu 382 tal-Kap 9, jimporta n-nullita tas-sentenza appellata u dan stante illi dan in-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita sostanzjali fis-sens ta' l-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali.

Fil-fatt kif imfisser fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet il-Pulizija vs Emanuel Mifsud ET moghtija fit-tnax (12) ta Marzu tas-sena elfejn u disa (2009), il-Qorti irriteniet li *'skond l-Artikolu 382 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati meta taghti sentenza kontra l-imputat ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena, u ssemmi l-artikolu tal-kodici kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat .'*

Illi ghalhekk, l-Ewwel Qorti, b'dawn is-semplici dikjarazzjonijiet, naqset milli tispjega l-fatti li taghhom gie misjub hati l-appellant; apparti illi l-fatti kif enuncjati minn l-Ewwel Qorti huma zbaljati wkoll, kemm ghax minn imkien mill-provi prodotti ma rrizulta illi l-imputat effettivament fixkel l-access ta' hutu fid-data ndikata fl-akkuza. Jinghad li biss biss, l-access tal-Perit Tekniku, fiz-zona ta' Habel Pietru gewwa Hal Ghaxaq, saret biss fi-sebgha (7) ta' April tas-sena elfejn u erbatax (2014) igifieri circa disa (9) xhur wara l-allegat akkadut. Infatti, jekk wiehed jaqra r-rapport tal-perit tekniku, mkien ma ssir referenza ghad-data ndikata mill-Prosekuzzjoni fl-akkuza.

F'kaz simili, u cioe meta Qorti tonqos milli tispjega b'mod dettaljat il-fatti ta' dak illi l-akkuzat ikun qed jnstab hati, jintitola lil Qorti li thassar is-sentenza appellata (f'dan is-sens wiehed jista jara l-Appelli Kriminali fl-ismijiet: Il-Pulizija V. Donald Cilia, 24 ta' April 2002; Il-Pulizija vs Benjamin Muscat, 28 ta' Gunju 2002; il-Pulizija vs. Joseph Zahra, 9 ta' Settembru 2002; Il-Pulizija vs. Paul Cachia, 25 ta' Settembru 2003; Il-Pulizija v. Mark Portanier, 14 ta' Settembru 2004; Il-Pulizija vs. John Axiaq ET, 19 ta' Mejju 2005).

Konsegwentement, din l-Onorabbli Qorti ghandha thassar is-sentenza moghtija minn l-Ewwel Qorti, stante illi din ma ssegwiex id-dettami tal-Kodici Kriminali kif eunucjat permezz ta' l-Artikolu 382 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, senjatament meta, kif spjegat aktar 'il fuq, il-Qorti naqset milli tispjega l-fatti li taghhom l-appellant instab hati.

B. T-tieni Aggravju-aprezzament Zbaljat tal-Provi Prodotti.

Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi umilment rilevat illi kemm l-Espert Tekniku, u kemm l-Ewwel Qorti li strahet kompletament fuq il-konkluzzjonijiet Peritali ta' l-istess Espert Tekniku, ghamlu interpretazzjoni kompletament zbaljati tal-provi prodotti quddiemhom u senjatament meta l-perit tekniku ikkonkluda illi *'t-trejqa/access illi fih qieghed ipoggi l-ingenji l-imputat u li ghalhekk qieghed jizgombra l-access ghal propjeta tal-parti civili, ma hiex propjeta tieghu…ghalhekk irrizulta illi l-imputat fixkel l-access ghal propjeta tal-Parti Civili, liema access huwa wiesgha madwar 6.2m, ghal access ferm aktar ridott ta' circa 1.8m kif indikat fir-ritratti mehmuza.'*

Illi qatt ma kien il-kompitu tal-Perit Tekniku li jikkonkludi lil min tappartjeni l-propjeta in kwistjoni u dan peress illi, kif qal huwa stess fir-rapport tieghu, hawn qedhin fil-kamp kriminali u mhux dak civili. Konsegwentement, il-Perit Tekniku, li ghogbu jiddetermina ta' min hija din il-propjeta mertu tal-proceduri, umbghad wasal ghal konkluzjoni zbaljata, li la darba t-trejqa mhux tal-imputat, allura huwa kien qed jokkupa art li mhux propjeta tieghu, kienet zbaljata. Illi l-imputazzjoni ta' ragion fattasi tirrigwardja u hija bbazata fuq l-element tal-pussess, u mhux ta' titolu kif erronjament donnu ikkonkluda l-espert tekniku.

Illi bir-rispett kollu, dan ma kienx l-ezercizzju li kellu jaghmel il-Perit Tekniku, l-aktar in vista tal-fatt, illi skond hu stess jezistu diversi inkonsistenzi bejn il-pjanti annessi mal-kuntratt t'akkwist tal-imputat u dak li effettivament huwa kkonstata waqt l-access fuq il-post li huwa ghamel.

Jigi rilevat ulterjorment illi l-istess Perit Tekniku ma jghidtx kif wasal ghal konkluzjoni illi l-wiesgha tal-passagg suppost ikun ta' 6.2m.

Illi inoltre, minkejja illi Alfredo Desira rraporta lil Pulizija illi l-appellant ghalaqlu l-access permezz ta' hajt bil-briks minghajr ma ha l-ebda permess ta' hadd u ta' l-ebda awtorita, l-Perit ikkonkluda illi r-rikorrenti appellant ghalaq l-access b'ingenji. U filfatt, matul ir-rapport tal-perit Tekniku Mario Cassar, ssir referenza biss ghal ingenji. Konsegwentement, l-akkuza kif dedotta skond ir-rapport tal-ahwa Desira m setghet qatt tigi pruvata.

Illi filfatt l-ezercizzju illi kellu jsir kien ferm differenti. Jekk wiehed jara l-gurisprudenza, johrog car x'tip ta' ezercizzju kellu jsir sabiex jigi determinat jekk l-appellant kienx hati tar-reat ta' ragion fattasi jew le.

Illi l-Qrati Maltin f'diversi okkazzjonijiet spjegaw l-elementi kostitutivi tar-reat in dizamina. Illi ghalhekk fis-sentenza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Spiru Bartolo nhar id-disgha (9) ta' Jannar tas-sena elfejn u sitta (2006) inqtal hekk:

*Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta l-elementi kostituttivi tar-reat ta' "ragion fattasi" taht l-art.85 tal-Kodici Kriminali huma erbgha u cioe:*

*(a) att estern li jispolja lil xi hadd minn xi haga li tkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra loppozizzjoni, espressa jew prezunta, ta' dan il-hadd iehor;*

*(b) il-kredenza li l-att qed isir b'ezercizzju ta' dritt;*

*(c) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel "di privato braccio" dak li jmissu jsir permezz ta' lawtorita' pubblika ; u*

*(d) n-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi. (Ara. App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel maghruf bhala Charles Farrugia"[17.2.95] ; "Il-Pulizija vs. Reno Micallef"[6.6.95] ; "Il-Pulizija vs. Mark John Schembri"[18.9.2002] u ohrajn )*

Inoltre, fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v Eileen Said deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Gunju 2002 intqal hekk:

*"Illi kif dejjem gie ritenut element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun jrid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjetà ta' haddiehor per ezempju. Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna*

*li ikkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu id-dgawdija taghha.*

*Ir-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni ta' pussess li dak li jkun gja ikollu. Hemm bzonn li jkun hemm att pozittiv li jippriva lit-terz, jew ifixklu fil-pussess tal-haga ghax kif jghid il-CARRARA (Prog. Parte Speciale Vol.5 para.2850:-*

*"L'atto esterno deve privare altro contro sua voglia di un bene che gode. Chi è nell'attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia; non delinque perchè la legge protegge lo "stato quo", il quale non può variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autorità giudiziale."*

Inoltre, l-appellant qatt ma seta jinstab hati tal-akkuza migjuba kontrieh, u dan peress illi min imkien ma jirrizulta jekk fid-data in kwistjoni, u fix-xhur ta' qabel, l-appellant effettivament ingumbrax il-passagg in kwistjoni jew le. Jekk wiehed jaqra sew ir-rapport tal-Perit Tekniku, li l-Qorti jidher li ghamlit taghha sabiex sabet htija fl-appellant, min imkien ma jirrizulta jekk l-appellant ikkommetiex r-reat fid-dati indikati fl-akkuzi. Filfatt, fir-rapport tal-perit hemm biss spjegat illi la darba l-appellant mhux sid ta' dan il-passagg, allura huwa hati ta' ragion fattasi-ragunament kompletament zbaljat.

C. Spejjez Peritali.

Illi jigi spjegat illi din il-kawza kienet qed tinstema konstetwalment ma' kawza ohra, b'akkuzi simili, bi granet differenti. Konsegwentement il-provi ta' kawza, li ngabru waqt is-seduti quddiem il-Perit kienu jghoddu ghal kawza l-ohra wkoll. Il-perit tekniku acceda darba ghaz-zewg kawzi wkoll. Minkejja dan, kemm fil-kawza odjerna, u kemm fil-kawza l-ohra, l-appellant gie kkundannat ihallas l-ispejjez peritali ghalkhemm f'ammonti differenti. L-appellanti jhoss illi dan ma hux gust u ekwu, u li huwa handu jhallas l-ispejjez peritali darba biss.

Ikkunsidrat;

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi fit-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) irraporta Alfred Desira li ghandu problema ma huh Giuseppi Desira fejn minn naha tieghu stqarr li din il-kwistjoni ila ghaddejja bejn l-ahwa ghal diversi snin u li llum stess huh Joseph

ostakolalu it-triq u anke telghalu hajt bil-bricks minghajr l-ebda permess ta' hadt u ta' l-ebda awtorita';

2. Illi fil-hdax (11) ta' Awissu tas-sena elfejn u tlettax (2013) WPS219 E. Abela flimkien ma' Pc 1324 marru jaghmlu spezzjoni fuq il-post li indikalhom Alfred fejn gie innutat li vera hemm hajt imtella' bil-bricks u li dan l-imsemmi hajt madwaru hemm hafna oggetti tal-hadid;

3. WPS 219 E. Abela tkellmet mal-appellant fejn talbitu spjegazzjoni dwar l-imsemmi hajt fejn minn naha tieghu qal li din il-kwistjoni ilha ghaddejja bejnu u bejn huh Alfred u huwa b'daqshekk ma ghamel xejn hazin imbilli telgha hajt erba' filati kollox in-naha tieghu.

4. Sussegwentement inharget l-imputazzjoni fil-konfront tal-appellant.

Rat illi l-Ewwel Qorti dak iz-zmien preseduta mill-Magistrat Dr Antonio Micallef Trigona kienet innominat lil Perit Mario Cassar;

Rat is-sentenza moghtija minnha nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019) fl-ismijiet premessi fejn din il-Qorti kif preseduta kienet cahdet l-ewwel aggravju tal-appellant fis-sens li s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti ma kinitx nulla u ordnat il-prosegwiment tal-kawza.

Flimkien mar-relazzjoni tal-Perit Tekniku Mario Cassar gew prezentati numru ta' kuntratti, affidavit ta' WPS219 E. Abela kif ukoll ir-relazzjoni tal-perit Tekniku Valerio Schembri nominat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili f'kawza bejn il-partijiet fl-ismijiet **'Alfred Desira et vs Joseph Desira'**.

**WPS219 E. Abela** permezz tal-affidavit taghha iddikjarat li nhar it-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2014) ghal habta ta' 15:00hrs waqt li kienet dettaljata gewwa l-ghassa Zejtun gie jirraporta certu Alfred Desira fejn qal li huwa ghandu problema ma huh Giuseppi Desira, fejn minn naha tieghu stqar li din il-kwistjoni ilha ghaddejja bejn l-ahwa ghal diversi snin. Alfredo kompla jghid li sal-lum stess it-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) huh Joseph ostakolalu t-triq u anke telghalu hajt bil-bricks minghajr l-ebda permess ta' hadd u ta' l-ebda awtorita. Nhar il-hdax (11) ta' Awissu tas-sena elfejn u tlettax (2013) ghal habta ta' 12:15hrs hi flimkien ma' Pc1234 marru jaghmlu spezzjoni fejn indikalhom Alfred fejn gie inutat

li vera kien hemm hajt imtella bil-bricks u li dan l-imsemmi hajt madwaru hemm hafna oggetti tal-hadid. Kelmet lill-appellant fejn talbitu spjegazzjoni dwar dan il-hajt, fejn hu qal li din kwisjtoni ilha ghaddejja bejnu u bej huh Alfred u huwa b'daqshekk ma ghamel xejn hazin imbilli telgha hajt erbgha filati kollox in-naha tieghu.

**Eunice Fiorini** quddiem din il-Qorti fit-tletin (30) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) xehdet li ghamlet tfittxija fil-prime note originali u traskrivewhom bhala verbal. Wiehed mill-verbali ma nstabx.

Il-**Perit Mario Cassar** quddiem din il-Qorti fis-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Lulju tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) xehed li xhieda kien ipprezentaha izda ma nstabitx fir-records tieghu. Li fir-relazzjoni tieghu kien ha konjizzjoni tad-dokumentazzjoni, transcripts kollha. Spjega li din hija sitwazzjoni purament teknika ta' qies li ghamlu zewg accessi. L-akkuza kienet li kien hemm trailor li ma kienx qed ihalli access ghal zewg garaxxijiet jew diversi garaxxijiet. Mar fuq il-post, kejjel u kkonstata u prezenta pjanta u ritratti. Li ma jidholx f'kwistjonijiet legali.

Din il-Qorti gialadarba jirrizulta li r-relazzjoni tal-Perit Mario Cassar mhijiex kompleta stante li x-xhieda moghtija mill-parte civile mhijiex inserita, mhijiex sejra tiehu kont tal-konkluzjonijiet ta' din ir-relazzjoni izda sejra tqis ix-xhieda prodotta quddiemu. In oltre' jirrizulta li quddiem din il-Qorti il-Perit Mario Cassar prezenta traskrizzjonijiet, relazzjoni mertu tal-kawza soggetta ghall-appell bin-numru 40/2019 kif ukoll relazzoni dwar imputazzjonijiet rigwardanti dati fl-elfejn u disgha (2009) li ghalhekk ma tirrigwardax l-imputazzjoni in kwistoni. Ir-relazzjoni tal-Perit Mario Cassar rigwardanti din il-kawza kienet prezentata quddiem l-Ewwel Qorti u tinsab a fol 7 et sequitur.

Jirrizulta li l-imputat **Joseph Desira** fis-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' April tas-sena elfejn u hmistax (2015) quddiem il-Perit Mario Cassar xehed li '*l-akkuza kontra tieghi mhix minnha. Dan ghaliex it-trailer u l-hajt li qeghdin isemmu, qeghdin fil-proprjeta' tieghi. Qed nipprezenta kopja tal-kuntratt tal-art tieghi, data it-23 ta' Awissu, 1974, Dok. JD1) li fih hames folji u pjanta. Fuq din il-pjanta jiena xtrajt id-drive u l-parti delinejata ABCDHEA.*' Xehed li '*B'kuntratt datat is-26 ta' Awissu 1967 Dok. JD2, li fiha tlett pagni, izda minghajr pjanta, u kuntratt iehor ta' meta qasmilna missieri Dok. JD3) li fih tlett folji,*

*hames pagni, u pjanta. F'dan il- kuntrattt suppost tal-plot tieghi personali, minghalija bin-numru 5, skond li qed nifhem jien baqghu hergin fuq id-drive tieghi.* ' Fiz-zewg pjanti, l-esponent immarka tlett punti illi skond l- imputat ghandhom presso poco jaqblu, f'dak li ghandu x'jaqsam f'direzzjoni. Dr Galea irrimarka dwar l-orjentazzjoni tas-sinjal tat-tramuntana.

L-imputat kompla illi l-Qorti kienet ordnatlu, biex jiftah il-punt XY Dok. JD1.

L-imputat Guzeppi Desira fis-seduta tat-tmienja (8) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) xehed in kontro-ezami quddiem il-Perit Tekniku l-AIC Mario Cassar fejn xehed li '*apparti minn dan il-passagg mertu tal-kawza, ghandi access iehor ghall-art tieghi minn passagg iehor ta' terzi, qabel kien tal-ahwa Cassar u meta jridu ma jhallunix nghaddi. Fil-kuntratti tieghi minn hemm ma ghandix access. Fil-kuntratt ta' meta xtrajt jiena, ma hemm xejn indikat illi ghandi dritt ta' passagg minn fuq ta' Cassar, l-anqas l-istess passagg ma hu ndikat fil-pjanti.*' Xehed li '*Fir-rigward ta' kuntratt ta' qasma li sar bejn l-ahwa, dwar l-art in kwistjoni, nghid illi dan il-kuntratt sar madwar tletin sena ilu u nghid illi jiena ffirmajt il-kuntratt u l-pjanti.*

*Fir-rigward ta' kuntratt ta' qasma li sar bejn l-ahwa, dwar l-art in kwistjoni, nghid illi dan il-kuntratt sar madwar tletin sena ilu u nghid illi jiena ffirmajt il-kuntratt u l-pjanti.*'

L-imputat fix-xhieda tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015) quddiem il-Perit Mario Cassar kien iddikjara li sal-lum '*m'ghalaqtilhom imkien, u l-ghodda tieghi qieghda pparkjata skont il-pjanti fuq il-propjeta tieghi. It-triler qieghed gol-propjeta' tieghi skont il-pjanti u l-hajt illi rreferew ghalih il-parti civile qieghed fil-proprjeta tieghi wkoll.*' Xehed li prezenta sett ritratti tal-lok dok JDX1 u JDX2 li juru l-ingenji ta' terzi persuni li qed jiggaraxxjawhom fil-propjeta' ta' Louis Desira fejn qed jghidu li ma jistghux jidhlu. Dawn hadhom hu xi xahar u nofs ilu. Li minn meta l-parti civile ghamlulu r-rapport hu ma biddel xejn. Jghid li huma qed jallegaw li fejn ghandu l-propjeta tieghu, hija taghhom, din hija l-parti fejn ghandu l-ghodda barra.

Din il-Qorti innutat li r-ritratti li l-appellant qieghed jaghmel referenza ghalihom u cioe' JDX1 u JDX2 ma jinstabux fil-process tal-kawza mertu ta' dan l-appell.

Gew prezentati ukoll traskrizzjonijiet tax-xhieda in kontro-ezami ta' Alfred Desira u Louis Desira moghtija quddiem il-Perit Mario Cassar. Dawn jinsabu a fol 123 u 124 tal-atti.

**Alfred Desira** kien kompla jixhed in kontro-ezami fis-seduta tad-disgha (9) ta' April tas-sena elfejn u hmistax (2015). Kif inghad aktar kmieni f'din is-sentenza ix-xhieda tieghu in ezami u l-bidu tal-kontro-ezami ma gewx prezentati mill-Perit Mario Cassar. Huwa xehed li ma jafx meta xtara plot fejn ghandu l-garaxx, kien ghadu haj missieru, jahseb li xi tmienja u ghoxrin (28) sena ilu. Sakemm bena seta jidhol hemm. Kien jghaddi minn zewg toroq, kienu jidhlu bit-trakkijiet tal-gebel u t-terrapin. Ilu ma jidhol kemm ilu li tefa l-karru hemm. Ma jaqbilx li l-imputat bena l-hajt u qieghed it-trailer fil-propjeta tieghu. Jghid li dawn qeghdin fil-proprjetajiet komuni ta' kulhadd, li ma jistax jidhol hemm minn meta rrapurta. Jaqbel li dwar dan il-kaz kien hemm kawzi li l-imputat gie liberat. In ri-ezami qal li fetah il-kawza civili ftit wara li ghalaqlu l-passagg. In kontro-ezami qal li kemm ilu hemm it-trailer, ma jistax jidhol.

Gie prezentat it-traskrizzjoni tal-kontro-ezami ta' **Louis Desira** li kien sar quddiem il-Perit Mario Cassar fid-disgha (9) ta' April tas-sena elfejn u hmistax (2015) fejn xehed li '*Jien l-ahhar li dhalt fejn il-garaxx tieghi, kien meta qabad jaghlaq bit-trailer it-tieni wiehed, dak li hemm fl- entratura llum, ilu ezatt preciz minn meta fetah kawza civili Fredu kontra l-imputat. Fil-prezent dhalt bil-van TATA, gbidtlu l-gnub u kissirt il-mirja u ghadni sal- lum naghmel il- hsara fil-vettura tieghi meta jkolli bzonn nidhol. Ma naqbilx illi dan it- tieni trailer huwa pparkjat fil-propjeta tal- imputat. Naf dan ghaliex, nghid li mal- kuntratt hemm pjanta biss mhix iffirmata minn nutar, u ma taqbilx mal- kejl tal-kuntratt.*' Xehed li '*Apparti t-trailer hemm izjed imbarazz, propjeta' ta' Joseph Desira.*' Xehed li qieghed jipprezenta tlett ritratti bil-kulur dok LW6), 7) u 8) li juru l-ambjent in kwistjoni. LW6 juri li mill-ahhar rapport 17/07/2013 meta jitqabbel mar-ritratti tal-MEPA li diga esebixxa juru kif inghalqu l-passagg. LW8 juri l-ambjent qabel ma sar il-hajt minn Joseph Desira. Skont hu il-passagg li jidher fir-ritratti huwa tal-ahwa Desira kollha. Il-garaxx li jidhru bil-kulur blu fir-ritratt LW6 huwa ta' Joseph Desira. Fuq dok LW6 qal illi l-ingenji li jidhru quddiem ta' gewwa bil-blu qeghdin fuq il-propjeta ta' Joseph Desira. Dwar it-tieni garaxx li llum imblukkah u ghalqu, biex huma ma jidhlux ghal proprjeta taghhom, ghax quddiemu hemm trejqa ohra li mblukkaha wkoll. Li l-

esponent immarka arja li llum tinsab imblukkata minn Joseph Desira kif indikalu x-xhud. Jghid li ma jistax jidhol komdu fil-garaxx immarkat bl-ittra X. Fuq l-arja li mmarka l-perit fuq ir-ritatt LW6 illum hemm scrap u vetturi bla pjanci. F'dan ir-ritratt ma jidhirx it-trailer ghax jinsab il-barra izjed.

**Alfred Desira** xehed quddiem din il-Qorti kif preseduta fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Settembru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) fejn spjega li hu u huh ghamlu xi erba' (4) jew hames (5) rapporti kontra Joe Desira li gharaf fl-awla. Ir-rapporti jirrigwardaw li qed jaghlaq it-triq, Triq B'Bugia. Qed jaghlaqa bit-trakkijiet, bil-lanec u bil-karrijiet. Kienu jidhlu minn taghhom minn ta' missieru u johorgu mill-ohra ghax hemm hekk ta' missieru. Bit-trakkijiet, bil-karozzi b'kollox kien jghaddi. Spjega li il-gewwa mill-garaxxijiet tieghu u kienu jidhlu minn taghhom u johorgu minn ta' Cassar. Ix-xhud ghandu garaxx ta' 120 pied, bnieh bit-trakkijiet u bnieh u bil-gaffef. Illum il-gurnata ma jistghux jidhlu b'dawn it-trakkijiet ghax it-toroq ghalaqhom kollha. Kien hemm zewg toroq it-tnejn ghalaqhom ta' haddiehor ukoll ghalaqhom. Hemm kawza civili qieghda fl-appell. Huwa prezenta tlett ritratti, CSH 6 miftuh u 7, 8 u 9 il-maghluq. Minn dejjem kienu jidhlu bl-ingenji komodament, minn mindu giet f'idejn missieru minn dejjem. Jahseb erbghin sena zgur. Dejjem kienu jidhlu b'ingenji kbar u bit-trakkijiet, kellu trakk tal-pitrolju, kellu trakk leyland, kellu gaffa. B'kollox kien jidhol. In kontro-ezami mistoqsi jekk dakinhar li mar jaghmel rapport jekk jghid sew illi ma pruvax jidhol wiegeb li kien isib il-maghluq. Ma setghax jidhol. Prova jidhol bil-karru tad-dghajsa, daqqa bil-karru li jgorr il-gaffa fuqu. Lil Pulizija rraportah kemm il-darba. Dakinhar tar-rapport prova jidhol bil-karozzi u bil-vann. Prova izda ma setghax jidhol. Ma jistax jidhol, dejjem maghluq, beda jaghlaq it-triq ta' haddiehor ukoll. Bl-ingenji ghalaqha t-triq.

**Louis Desira** xehed quddiem din il-Qorti kif preseduta fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Settembru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) li ghamlu r-rapporti fl-elfejn u tlettax (2013) u fl-elfejn u erbatax (2014). Spjega li ghandu kopja tar-rapporti u cioe' tat-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) u s-sitta u ghoxrin (26) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014). Ir-rapport ghamlu kontra Joseph Desira li gharaf fl-awla bhala huh. Spjega li '*Il-kwistjoni hija li bblukkjalna t-triq ma nistawx nidħlu. Aħna għandna l-garaxxijiet hemm hekk, bnejna l-garaxxijiet, minn dejjem kellna l-garaxxijiet sibna*

*ruħna blukkjata.*' Il-post huwa triq il-Milwa Ghaxaq. Il-post huwa il-gewwa ta' B'Bugia road, fuq in-naha tal-lemin inti u niezel, fejn hemm il-Garden of Eden, hemm gew hemm it-triq ibblukjata. Spjega li '*Ibbukjalna billi tefa' low loader f'nofs it-triq. Low loader huwa vettura li jerfa' l-gaffef fuqu, issa dak ġejt imħarref fuqu jiena wkoll fuq dan il-low loader. Hawn hekk għandi l-karti tal-MEPA, ġejt irrapurtajt jiena wkoll.*' Hemm hekk kienu jghaddu xxamplati minghajr problemi. Kienu jghaddu anke bit-trakkijiet, b'kollox kienu jghaddu. Il-garaxxijiet huma tal-ahwa kollha, huh Joseph ukoll ghandu garaxxijiet, hemm il-garaxx ta' Fredu, hemm il-garaxx tieghi u hemm ir-raba ta' hutu, parti mir-raba ta' hutu wkoll. Is-sitwazzjoni baqghet kif inhi. Ghaxar ritratti mehudin fl-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) gew prezentati bhala CSH1, set ta' erba' ritratti datati t-tlieta (3) ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019) bhala CSH2, set ta' 4 ritratti tad-disgha (9) t'Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019) bhala CSH3. Huma talbu biex jifthilhom il-passagg, ghalhekk gew hawn ghax l-ewwel ma' marru jkellmuh wicc imb wicc. Spjega li '*Qalilna hemm hekk tieghi u ma rridx noħroġ minn hemm. Din ir-risposta kienet. Ħeqq pruvajna biex nirranġaw u l-problema hija li dan għaliex persuna taqbad u tieħu l-liġi b'idejha hekk ċum bum. Għal darba tnejn tlieta...*'

In kontro-ezami qal li t-trakkijiet u high max huma kollha ingenji tieghu b'referenza ghall-appellant, hemm ir-riklam tieghu fuqhom. Prova jghaddi mit-triq principali. Fuq ir-ritratti fejn hemm il-low loader, hemm it-triq ibblukjata. Ma tistax tghaddi minn fejn il-low loader, huwa prova jghaddi bil-vettura tieghu bit-trakkijiet tal-gebel. Beda jghaddi bil-vettura tieghu van. Hemm il-garaxx tax-xhud. Huwa gieli dahal imma jigbidlu l-gnub, li gieli hadlu l-gnubijiet il-van. Dakinhar tar-rapporti ried jidhol bil-van, dahal imma ghamel il-hsara ghax ma kienx hemm wisa bizzejjed biex jidhol. Qal '*Mhux ma dħaltx imma nagħmel il-ħsara biex dħalt.*' Jaqbel li hemm kawza civili. Xehed li ghandu pussess bhal ma ghandhom huma, l-istess bhal ma ghandhom l-ahwa. Ikkonferma li l-kawza tirrigwarda l-pussess ta' dawn il-bicciet art. Ikkonferma li dik il-kawza ntilfet minnhom u rebaha l-appellant. Lil Pulizija rraporta diversi drabi izda ma qalilhomx lil Pulizija li kellu l-hsara. Ikkonferma li fil-verita hu dahal mill-passagg, irnexxielu jghaddi u mhux kif irraporta lil Pulizija li ma setghax jidhol minnu. Fil-erbatax (14) meta rraporta jahseb li dahal imma dejjem jaghmel il-hsara biex jidhol. Ghandu l-garaxx u ma jistax jidhol. Bl-ingenji l-kbar

minn dejjem kienu jghaddu.  Minn dejjem, mentri triq kienet dejjem wiesgha, ghall-gurament kien hemm zewg toroq minn fejn jidhlu. Bid-dritta tal-ghalqa ghax kienet tal-missier ukoll, kien hemm il-bieb ukoll, jigifieri hemm hekk kien hemm tlett toroq. Minn dawn it-tlett toroq kollha maqghluqin, wiesa biex ghadda bil-van ezatt kien hemm sigra u kellu jaccetta biex almenu gab passagg. Ilu izjed minn 30 sena  zgur. Hemm hekk kienu jidhlu bit-trakkijiet u bil-gaffef ukoll. Xehed li fil-wiesgha tat-triq tefgha low loader. Dak il-low loader huwa li jghabbi l-gaffef u kieku ipparkjah ghal mod tal-kelma sewwa mal-hajt kienu jghaddu sewwa kollha.  Biex jitfahhulha 5 piedi l-barra minn mal-hajt u ma tistax tidhol. Kemm il-darba laqghat il-hajt tas-sejjieh, id-dritta ghal kulhadd.  Il-hajt tal-bricks tellaw wara l-kawza l-ohra, jigifieri rega ha l-ligi b'idejh qabad u tella' hajt tal-bricks u qabad jaghlaq it-triq kompla. Tefa' l-hajt tal-bricks biex bhal speci dik il-bicca tieghu. Il-hajt tal-bricks qieghed f'nofs it-triq. In ri-ezami qal li l-hajt tal-bricks kien qieghed hemm, ma tantx kien jaffetwah hafna, li kien qed jaffetwah huwa l-low loader u l-hajt tas-sejjieh. Il-hajt tas-sejjieh oggett naturali, l-low loader bniedem jitfahhulek f'nofs it-triq.  Ir-ritratti prezentati jinsabu a fol 139 et sequitur tal-process rigwardanti l-appell bin-numru 40/2019.

Gie prezentat current incident report li jinsab a fol 147 et sequitur fil-process mertu tal-appell bin-numru 40/2019 bhala CSH4. Dan jirrigwarda rapport li sar fit-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) dwar incident li sehh fl-istess jum fejn Alfred Desira fit-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) ghal habta ta' 15:00hrs mar jirraporta li huwa ghandu problema ma huh Joseph Desira, fejn stqar li din il-kwistjoni ilha ghaddejja ghal diversi snin izda qal li llum stess Joseph Desira ostokalalu it-triq u anka telgha hajt bil-bricks minghajr l-ebda permess ta' hadt. Fl-istess rapport tnizzel li llum il-hdax (11) ta' Awissu tas-sena elfejn u tlettax (2013) ghal habta ta' 12:15hrs WPS219 u PC1324 marru fuq il-post fejn irrapporta Alfred Desira u l-Pulizija sabet li hemm hajt imtella tal-bricks u li madwaru hemm hafna affarijiet mitluqa ta' xi oggetti tal-hadid. Gie prezentat current incident report datat is-sitta u ghoxrin (26) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014) dwar incident li sehh fl-istess jum. Dan gie prezentat bhala CSH5. F'dan ir-rapport tnizzel li rraporta illum s-sitta u ghoxrin (26) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014) ghal habta ta' 13:40hrs li huwa kien ghaddej minn proceduri mal-Awtorita tal-MEPA kif wkoll proceduri fil-Qorti, liema proceduri kienu jirrigwardjaw tnehhiha ta' diversi affarijiet ta' zgombru

fl-inhawi ta' Triq il-Wilga, Ghaxaq. Il-kwerelant kien irapporta gewwa l-Ghassa taz-Zejtun sabiex jirraporta low loader li jappartjeni lil certu Giuseppe Desira u li skond il-kwerelant dan il-low loader kien ipparkjat f'din it-triq ghal ammont konsiderevoli ta' zmien u kien qed ikun ta' zgombru u sahansitra kien qed jaghlaq l-access ta' dan l-isqaq.

F'dan il-kaz skont ir-rapport CSH4 datat it-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) jirrizulta li kien Alfred Desira li rraporta u fejn ir-rapport kien jirrigwarda ostakolu ta' triq u li ttella hajt bil-bricks u fejn l-indirizz tal-incident tnizzel bhala 'SACRED HEARD, DAWRET HAL GHAAXAQ GHAXAQ'

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant fit-tieni aggravju jissottometti li l-Ewwel Qorti strahet kompletament fuq il-konkluzzjonijiet peritali tal-istess espert tekniku, li ghamlu interpretazzjoni kompletament zbaljati tal-provi prodotti quddiemhom, senjatament meta l-perit tekniku ikkonkluda illi '*trejqa/access illi fih qieghed ipoggi l-ingenji l-imputat u li ghalhekk qieghed jizgombra l-access ghal propjeta tal-parti civili, ma hiex propjeta tieghu... ghalhekk irrizulta illi l-imputat fixkel l-access ghal propjeta tal-Parti Civili, liem acess huwa wiesgha madwar 6.2m, ghal acess ferm aktar ridott ta' circa 1.8m kif indikat fir-ritratti mehmuza.*' Jissottometti li qatt ma kien il-kompitu tal-Perit Tekniku li jikkonkludi lil min tappartjeni l-propjeta' in kwistjoni u dan peress illi kif qal huwa stess fir-rapport tiweghu, hawn qeghdin fil-kamp kriminali u mhux dak civili. Konsegwentement, il-Perit Tekniku li ghogbu jiddetermina ta' min hija din il-propjeta mertu tal-proceduri, umbaghad wasal ghal konkluzjoni zbaljata, li la darba t-trejqa mhux tal-imputat, allura huwa kien qed jokkupa art li mhux propjeta tieghu, kienet zbaljata. Illi l-imputazzjoni ta' ragion fattasi tirrigwardja u hija bbazata fuq l-element tal-pussess u mhux ta' titolu kif erronjament donnu ikkonkluda l-espert tekniku. Li L-Perit Tekniku ma jghidx kif wasal ghal konkluzjoni li l-wiesgha tal-passagg suppost ikun ta' 6.2m. Jissottometti li minkejja li Alfredo Desira rraporta lil Pulizija illi l-appellant ghalaqlu l-access permezz ta' hajt tal-bricks minghajr ma ha l-ebda permess ta' hadd u tal-ebda awtorita, l-Perit ikkonkluda illi r-rikorrenti appellant ghalaq l-access b'ingenji. Jissottometti li filfatt matul ir-rapport tal-Perit Tekniku Mario Cassar, issir

referenza biss ghal ingenji. Konsegwentement l-akkuza kif dedotta skont ir-rapport tal-ahwa Desira ma setghet qatt tigi pruvata. Jaghmel ukoll referenza ghal gurisprudenza dwar ir-reat ta' ragion fattasi.

Inoltre', l-appellant jissottometti li qatt ma seta jinstab hati tal-akkuza migjuba kontrieh u dan peress illi minn imkien ma jirrizulta jekk fid-data in kwistjoni u fix-xhur ta' qabel l-appellant effettivament ingumbrax il-passagg in kwistjoni jew le. Jissotometti li mir-rapport tal-Perit Tekniku minn imkien ma jirrizulta jekk l-appellant ikommettiex ir-reat fid-dati indikati fl-akkuzi, li hemm spjega li la darba l-appellant mhux sid ta' dan il-passagg allura huwa hati ta' ragion fattasi- ragunament kompletament zbaljat.

Din il-Qorti tqis li r-rapport mal-Pulizija li sar fit-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) in kwistjoni kien jirrigwarda ostakolu ta' triq u anke li ttellgha hajt bil-bricks. Kif gia inghad, din il-Qorti qieghda tiskarta l-konkluzjonijiet tar-relazzjoni tal-Perit Tekniku Mario Cassar stante li x-xhieda tal-parte civile baqghet ma gietx ipprezentata u ghalhekk ir-relazzjonijiet mhijiex kompleta.

Din il-Qorti sejra fl-ewwel lok taghmel referenza ghall-elementi tar-reat ta' ragion fattasi. Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. Robert Vella) Vs Carmel Azzopardi'**[2] gie kkunsidrat li:

*'Illi l-elementi tar-reat in desamina gew magisterjalment migbura fid-definizzjoni analitika moghtija mill-Imhallef William Harding fis-sentenza ta' din il-Qorti, fil-kawza fl- ismijiet 'Il-Pulizija vs Giuseppe Bonavia et' (Appell Kriminali 14 t'Ottubru 1994, Volume XXX2, part4, page 768). Dawn jinkludu:*

*a) Att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implictu ta' dik il-persuna.*

*b) L-imputat irid jemmen illi qed jagixxi bid-dritt.*

*c) Ix-xjenza ta' l-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite process legali.*

*d) L-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi.*

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-1 ta' Marzu, 2012 (Appell Kriminali Numru: 127/2011)

*Illi kif dejjem gie ritenut element important kostitwiv ta' dan ir-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jesercita d-dritt illi hu jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontari fuq propjeta ta' haddiehor. Ghalhekk hemm bzonn li jsir indagni fuq il-movent li jkun wassal lil persuna li kkomettiet dan ir-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti f'li wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu t- tgawdija taghha. Ir-reat ma jissustix meta l-att materjali jikkonsisti fir-ritenzjoni ta' pussess li dak li jkun ga jkollu. Hemm bzonn li jkun hemm att pozittiv li jippriva lil terz jew ifixxklu fil-pussess tal-haga.*

*Ghax kif jghid il-Carrara (Prog. Parte Special Volume 5, para 2850): 'l-Atto esterno deve privare altro contro sua voglia di un bene che gode. Chi e nel attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia; non delinque perche la legge protegga 'stato quo' il quale non puo variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della Awtorita Gudiziale.'*

*Issa fil-kaz in ezami hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet, l-appellant u Andrew Agius dwar il-propjeta li titkostitwixxi l-passagg illi jaghti access ghal ghelieqi aktar 'l isfel fl- irdum. F'dan il-passagg jew triq hemm ghar illi jidher illi ghandu tgawdi minnha l-appellant. Dan l-ghar hu maghluq b'hajt u f'xi zmien dan il-hajt twaqqa'. Il-Parte Civili Agius, qieghed jilmenta illi meta l-appellant rega' beda dan il-hajt, dan sporga fit-triq, fi propjeta' tieghu u ghamel dan il-passagg ta' din it-triq aktar perikoluz peress illi n-naha l-ohra tat-triq fuq il-lemin, inti u niezel, hemm l- irdum.*

*L-appellant jghid illi l-passagg huwa komuni pero jaf ukoll illi l-Parte Civili Agius, irregistra l-passagg f'ismu. Iz-zewg partijiet jikkontendu illi hemm hafna kawzi civili bejniethom pero jidher li Agius ghandu l-pussess ta' l-art quddiem l- ghar, fuq liema art l-appellant ipparkja l-vann tieghu b'tali mod illi mpedixxa l-passagg liberu ghal-utenti l-ohra ta' l- istess passagg. Ir-ritratti esebiti f'dawn l-atti juri l-vann ipparkjat fit-triq, liema vann jidher f'zewg pozizzjonijiet differenti. Jidher ukoll borg gebel sporgut fil-passagg b'tali mod li jkun ostakolu ghal min ikun qed juza' din it-trejqa.*

*Fuq l-iskorta ta' dawn irrizultanzi proceswali, l-ewwel Qorti kellha kull dritt li tistrieh fuq il-provi tal-Parte Civili li kellhom dritt li jghaddu minn dan il-passagg minghajr ma jkun ostakolat minn xi xoghol jew ingenji ta' l-appellant. Ghalhekk l-appellant ma setghetx di "privato braccio" jaqbad u jiehu dak illi kien jipretendi li hu tieghu u jibda jahdem fuq it-*

*trejqa u ostakolha anke jekk stess haseb li kellu d-dritt jaghmel hekk.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spettur Spiridione Zammit) vs Felix Darmanin'</u>**[3] gie meqjus li:

*'L-elementi tar-reat ta' ragion fattasi ġew elaborati f'diversi sentenzi li trattaw dan ir-reat u fosthom hemm dik imsemmija mill-Imhallef Lawrence Quintano presjedenti l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tal-11 ta' Frar 2013 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Carmel Azzopardi et" kif ikkwota mis-sentenza "Il-Pulizija versus Eileen Said" li kienet ġiet deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Gunju 2002 mill-Imħallef Joseph Galea Debono u ċioe fejn intqal : -*

*Illi l-appellanti instabet hatja tar-reat ta' "ragion fattasi" jew dak li jissejjah "the exercise of a pretended right". Illi din l-azzjoni bazata fuq l-Artikolu 85 tal-Kap.9 tal- Ligijiet ta' Malta hija speci ta' zona grigja bejn il-kamp civili u dak kriminali, tant li Sir Andrew Jameson meta kien qed jigi abbozzat il-Kodici Penali Malti kien osserva fir-Rapport tieghu fir-rigward li :- "It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict of or claim for damages....." (Ara Prof. Sir Anthony Mamo - Notes on Criminal Law" (Parti Speċjali) Vol. II).*

*Illi l-elementi tar-reat in dizamina gew magisterjalment migbura fid-definizzjoni analitika migbura mill-Imhallef W. Harding fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza "Il- Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et" (App.Krim. 14.10.1944 , Vol.XXXII - IV , p.768) u dawn jinkludu :-*

*a) att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid- dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna ;*

*b) l-imputat irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt ;*

*c) ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali ;*

*d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi."*

*Fil-fehma ta' din il-Qorti dawn huwa l-elementi li jirriflettu l-analiżi tal-ġurista Francesco Carrara fil-kitba tiegħu "Esposizioni dei Delitti in specie – parte speciale del Programma del corso di diritto criminale", Volum 5, Lucca, 1868, fejn, f'pagna 487, para 2850 itenni l-*

[3] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-21 ta' Ottubru, 2014.

*elementi ta' dan ir-reat bħala : -*

*1.o Un atto esterno che spogli altri di un bene che gode, e sia eseguito contro la opposizione o espressa o presunta di questo – 2.o Credenza di far quest'atto in esercizio di un diritto – 3.o Coscienza di fare di privato braccio quello che dovrebbe farsi per autorita' di magistrati – 4.o Mancanza di titolo piu' grave.*

*Dawn l-elementi jridu jissussistu kumulattivament sabiex ir-reat jigi pruvat kommess.*

*Din hija Qorti ta' kriminali ġudikatura u għalhekk hija prinċipalment vestita b'ġurisdizzjoni biex tanalizza l-vertenzi ta' natura penali li jkunu sottomessi lilha, aktar milli l-kwistjonijiet t'indoli ċivili li m'għandhiex setgħa tissindakahom. Verament li kif jingħad fis-sentenza Il-Pulizija v. Charles Chircop, deċiża fl-1 ta' Settembru, 1995, il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali għandhom saħansitra s-seta' jiddeterminaw kwistjonijiet ċivili inċidentali għar- risoluzzjoni tal-vertenza penali. Biss il-kwistjonijiet t'indoli ta' natura ċivili f'dan il-każ imorru oltre dik tar-risoluzzjoni tal-vertenza penali. Il-Qorti sejra għalhekk f'din il-kawża żżomm mal-mansjoni prinċipali tagħha ta' Qorti ta' Gudikatura Kriminali.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Antonello Grech V MICHAEL PORTELLI'**[4] gie kkunsidrat li:

*'Illi jigi rilevat li l-azzjoni bazata fuq l-artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija speci ta' zona grigia bejn il-kamp civili u dak kriminali, tant li **Sir Andrew Jameson**, meta kien qed jigi abbazat l-Kodici Penali Malti, kien osserva fir- rapport tieghu fir-rigward li:*

*"It is doubtful whether acts of this kind could not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict on claim for damages..." [vide **Professur Sir Anthony Mamo – Notes on Criminal Law – parte speciale Vol II**]*

*Ir-reat ta' ragion fattasi mhux meqjuz bhala reat kontra l- proprjeta izda bhala delitt kontra l-amministrazzjoni tal- gustizzja w amministrazzjonijiet pubblici ohra.*

*Dan l-artikolu tal-ligi 85 tal-Kap 9 jittutela l-pussess u mhux il-proprjeta. [vide **Il-Pulizija v Joseph Bongailas deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnejn w ghoxrin ta'***

[4] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-20 ta' Lulju, 2006 (Numru: 484/2004)

***Ottubru 2001**].*

*Fil-fatt gie enuncjat fis-sentenza **Il-Pulizija v John Vassallo deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t- tnejn w ghoxrin ta' Marzu 1991** li:*

*"Taht l-artikolu 85 ma hemm ebda bzonn li jigi ppruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minnhekk. Id- dicitura tal-artikolu <u>hija cara</u> u l-legislatur certament ried li jigi evitat kull tfixkil, hu ta' liema natura hu, anke fis- semplici pussess. Tali pussess jinkludi wkoll, kif gie ripetutament deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali, anke is- semplici drittijiet normalment konpetenti lil persuna koncernati."*

*L-ispiritu dwar dan r-reat jispjegah il-**Carrara** bhala d- disprezz lejn il-proceduri gudizzjarji:*

*"Lo spirito della gustizia costituisce la indole giuridica di questo reato; e tali spirito ricorre nel caso, tanto intrinsicamente quanto entrinsicamente. Ricorre intrinsicamente perche di fatto il fatto usura la prerogative del Magistrato. Ricorre entrinsicamente perche il privato, cosi facendo mostra di non aver fiducia nel Magistrato." [**Programme Vol V para 2855**]*

*Il-**Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija nhar t-tnejn w ghoxrin ta' April 1961**, [vol XLV. 11. 942] fl- ismijiet **Il-Pulizija v Antonia Cremona** qalet li:*

*"Id-disposizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta' ragion fattasi, hija intiza biex il-privat li jippretendi xi drittijiet, ma jissostitwix l-azzjoni tieghu ghal dik tat-tribunali, meta jista jirrikorri lejhom. Hi gusta jew le l-pretenzjoni tieghu, hu ma jistax minn rajh, jezercita dawk d-drittijiet li hu jippretendi li ghandu."'*

Fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija (Spt. J. Mercieca) Vs Spiro Bartolo</u>'**[5] gie meqjus li:

*'Issa, kif intqal, fil-kaz in ezami, l-Prosekuzzjoni proprju waslet biex tipprova li dak li sar kellu l-element intenzjonali rikjest biex jissussisti r-reat ta' ragion fattasi, ghax jirrizulta li meta l-appellant ikkommetta lill-haddiema biex iwaqqghu l-kamra, dan kien qed jaghmlu ghax kien qed jippretendi li hemm tieghu, minkejja li kien jaf li din il-pretensjoni kienet kontestata. Ghalhekk l-aggravju tal-appellant li ma kellux il-mens rea rikjesta mil-ligi huwa infondat u qed jigi respint.'*

Ghalhekk jirrizulta li l-erba' (4) elementi tar-reat ta' ragion fattasi huma s-segwenti:

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Jannar, 2006 (Appell Kriminali Numru: 297/2005)

a) Att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna;

b) L-imputat irid jemmen illi qed jagixxi bid-dritt;

c) Ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite process legali u

d) L-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi.

Kif inghad ir-rapport in kwistjoni jirrigwarda l-hajt tal-bricks li ttella u li giet ostakolata t-triq. Alfred Desira fix-xhieda tieghu moghtija quddiem din il-Qorti ma jaghmilx referenza ghal hajt tal-bricks li ttella mill-appellant filwaqt li fil-kontro-ezami li kien sar fid-disgha (9) ta' April tas-sena elfejn u hmistax (2015) quddiem il-Perit Mario Cassar jghid li '*Ma naqbilx illi l-imputat bena l- hajt u qieghed it- trailer fil-propjeta tieghu*'. Louis Desira quddiem din il-Qorti kif preseduta xehed li ma tantx kien affetwah il-hajt tal-bricks.

Alfred Desira quddiem din il-Qorti xehed dwar trejqa li l-appellant qieghed jaghlaq bit-trakkijiet, bil-lanec u bil-karrijiet. Mix-xhieda tieghu izda ma jirrizultax meta dan sehh. Mistoqsi in kontro-ezami biex prova jidhol dakinhar li mar jaghmel ir-rapport wiegeb li bil-karozzi u bil-vann. Jemfasizza li t-triq inghalqet b'ingenji.

Dwar il-kwisjtoni tal-hajt tal-bricks li ttella mill-appellant, din il-Qorti tqis li minkejja r-rapport li sar mal-Pulizija, jirrizulta li mix-xhieda ta' Alfred Desira moghtija quddiem din il-Qorti, huwa ma huwiex jilmenta dwar dan il-hajt tal-bricks tant li lanqas isemmih filwaqt li Louis Desira stess jghid li ma tantx affetwah dan il-hajt. Ghalhekk din il-Qorti tqis li minkejja li jista' jaghti l-kaz li dan il-hajt tal-bricks ittella minghajr il-permessi necessarji u possibilment f'art li persuni ohra ghandhom il-pussess komuni taghha, din il-Qorti tqis li ma jirrizultax sufficentement ippruvat li l-hajt tal-bricks fixkel lil parte civile.

In kwantu l-ostaklu fit-triq, skont ir-rapport li sar fit-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) li jinsab a fol 147 u mmarkat bhala CSH4 dwar incident li sehh fl-istess jum jirrizulta li Alfred Desira fit-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax

(2013) ghal habta ta' 15:00hrs mar jirraporta li huwa ghandu problema ma huh Joseph Desira, fejn stqarr li din il-kwistjoni ilha ghaddejja ghal diversi snin izda qal li llum stess Joseph Desira ostokalalu it-triq u anka telgha hajt bil-bricks minghajr l-ebda permess ta' hadt. Fl-istess rapport tnizzel li fil-hdax (11) ta' Awissu tas-sena elfejn u tlettax (2013) ghal habta ta' 12:15hrs WPS219 u PC1324 marru fuq il-post fejn irrapporta Alfred Desira u l-Pulizija sabet li hemm hajt imtella tal-bricks u li madwaru hemm hafna affarijiet mitluqa ta' xi oggetti tal-hadid. Ghalhekk jirrizulta li meta accedew il-Pulizija fuq il-post huma sabu affarijiet mitluqa u cioe' oggetti tal-hadid. L-appellant fix-xhieda tieghu quddiem il-Perit Mario Cassar fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015) spjega li '*Minn meta il-parte civile ghamluli r-rapport jiena ma bdilt xejn. L-affarijiet ghadhom sal-lum kif kienu minn meta zamm l-access il-Perit fuq il-post. Nghid illi huma qed jallegaw illi fejn ghandi l-proprjeta' tieghi, hija taghhom, din hija l-parti fejn ghandi l-ghodda barra.*'.

Din il-Qorti tqis li minkejja li fl-atti ta' din il-kawza gew prezentati numru ta' ritratti, ma jirrizultax pruvat sufficentement li dawn ir-ritratti ittiehdu fl-istess perjodu mertu ta' din l-imputazzjoni u cioe' fit-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) u l-granet ta' qabel. Jirrizulta li fir-rapport li sar minn Lewis Desira datat is-sitta u ghoxrin (26) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014) immarkat bhala CSH5 huwa kien mar jirraporta li l-low loader li jappartjeni lil Giuseppe Desira kien ipparkjat f'din it-triq ghal ammont konsiderevoli ta' zmien u kien qed ikun ta' zgombru u sahansitra kien qed jaghlaq l-access ta' dan l-isqaq. Dan ir-rapport izda ma jirrigwardax il-perjodu mertu ta' dawn il-proceduri. Ghalkemm jinghad f'dan ir-rapport li l-low loader kienet ila fit-triq ghal ammont konsiderevoli ta' zmien, ma tnizzilx minn meta kien ilu fit-triq. In oltre' jirrizulta li l-access inzamm mill-Perit Mario Cassar fis-sebgha (7) ta' April tas-sena elfejn u erbatax (2014) u jirrizulta ukoll mir-ritratti prezentati anke mill-Parte Civile li kien hemm numru ta' ingenji jostakolaw it-trejqa fosthom trakkijiet u low loader, biss pero' ma jirrizultax pruvat li dawn ir-ritratti ttiehdu fiz-zmien mertu tal-imputazzjoni u cioe' li kienu gia qeghdin jostakolaw it-triq fit-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) u l-granet ta' qabel.

Ghalhekk il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova li fit-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) u fil-granet ta' qabel it-triq kienet ostakolata u b'liema mod kienet ostakolata.

Ghalhekk din il-Qorti ma ghandhiex triq ohra ghajr li tirrevoka l-htija misjuba mill-Ewwel Qorti. Konsegwentement, din il-Qorti mhijiex sejra tqis it-tielet (3) aggravju rigwardanti l-ispejjez peritali.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell ghar-ragunijiet ikkunsidrati f'din is-sentenza, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u ghalhekk tillibera lill-appellant minn kull htija u piena.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur